**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 2116/2018/1**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Numru 2116/18 u wara c-cedola ta' depositu numru 404/19:**

**John David Baraldi**

**vs**

**Geoffrey Xerri**

**Illum, 15 ta' Marzu 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat b'urgenza pprezentat minn Geoffrey Xerri fl-14 ta' Frar 2019 fejn ippremetta:

Illi permezz ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti bin-numru 256/15 FDP datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar 2016 fl-ismijiet John David Baraldi (ID. Nru. 141115A) vs Geoffrey Xerri (ID Nru. 525378M), il-Qorti tal-Magistrati ta' Malta ppronunzjat sentenza (kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A) r-rikorrenti gie kkundannat ihallas is-somma ta'

ghaxart elef u sitt mitt ewro (€10,600) favur l-attur u dan wara li l-istess rikorrenti kien kontumaci waqt l-istess procedura;

Illi kontestwalment mar-rikors odjern ir-rikorrenti Geoffrey Xerri (ID Nru 525378M) ipprezenta rikors mahluf fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hemm specifikati fl-ewwel lok ir-revoka u thassir tas-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fil- (21) ta' Jannar 2016, fil-kawza fl-ismijiet John David Baraldi (ID Nru: 141115A) vs Geoffrey Scerri (ID Nru. 525378M), Rikors numru 256/15 FDP u fit-tieni lok r-ritrattazzjoni tal-istess kawza a tenur ta' l-artikolu 811 (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta prevja d-debita notifika tal-esponent skond il-ligi bl-att promotur tal-gudizzju, rikors numru 12/19 RM.

Illi qabel il-prezentata tal-imsemmi rikors mahluf, l-atturi f'dik il-kawza u cioe' David Baraldi ottjena il-hrug kontra l-esponenti fil-kwalita' personali tieghu ta' Mandat ta' Qbid esekuttiv Numru 2116/2018 li gie ezegwit, kopja tal-mandat anness u mmarkat Dok. B.

Illi bhala effett ta' dan il-mandat, diga' gew kolpiti oggetti mobbli tal-esponent biex il-valur taghhom komplessiv jaghmel tajjeb ghall-esekuzzjoni tas-sentenza.

Illi esekuzzjoni ulterjuri tas-sentenza u tal-mandati fuq riferit senjatament il-biegh in subbasta tal-oggetti mobbli kolpiti bil-Mandat tal-Qbid Numru 2116/2018 certament tikkaguna pregudizzju akbar lir-rikorrenti milli tikkaguna lil John David Baraldi.

Ghaldaqstant r-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 823 tal-Kapitolu 12 tal-Ligiijiet ta' Malta prevja l-ghotja tal-garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza in kwistjoni, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha twaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar 2016 fl-ismijiet John David Baraldi (ID. Nru. 141115A) vs Geoffrey Xerri (ID Nru. 525378), (Avviz Numru 256/15 FDP).

Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat ir-risposta ta' John David Baraldi li giet ivverbalizzata waqt l-udjenza tas-6 ta' Marzu 2019 u li permezz taghha huwa ddikjara hekk:-

*"Dr Alexander Schembri ghall-intimat, in linea ta' risposta ghar-rikors promotur, jiddikjara illi l-garanzija depozitata permezz ta' cedola bin-numru 404/2019 fl-ismijiet 'Geoffrey Xerri vs John David Baraldi' hija garanzija sufficjenti ghall-finijiet tat-talba maghmula fir-rikors odjern u jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti dwar it-talba maghmula f'dan l-istess rikors purche'*

*jekk it-talba tintlaqa', l-ezekuzzjoni tas-sentenza ghandha tigi mwaqqfa limitatament pendenti l-ezitu tal-proceduri ta' ritrattazzjoni bin-numru 12/2019 RM."*

Rat l-atti kollha tar-rikors inkluz id-dokumenti esebiti;

Rat illi r-rikors gie mholli ghal-lum sabiex jinghata provvediment dwaru;

Ikkunsidrat;

Dan hu provvediment moghti fuq rikors ipprezentat minn Geoffrey Xerri fl-14 ta' Frar 2019 in segwitu ghar-rikors ta' ritrattazzjoni pprezentat mill-istess rikorrent bin-Numru 12/2019/RM fl-ismijiet **John David Baraldi vs Geoffrey Xerri**, wara sentenza fl-istess ismijiet premessi (Rikors Numru 256/2015) moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-21 ta' Jannar 2016.

Permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrent Geoffrey Xerri qed jitlob it-twaqqif tal-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija fil-21 ta' Jannar 2016, prevja l-ghotija da parti tieghu ta' garanzija tajba ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza.

Il-Qorti tosserva li din it-talba hija bbazata fuq id-dispost tal-Artikolu 823 tal-Kapitolu 12, li fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk:-

**823(2)** *B'dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni tista', ad istanza, b'rikors kemm quddiem il-Qorti tal-Appell kemm quddiem il-qorti tal-ewwel grad, tal-parti li tagħmel dik it-talba, tordna t-twaqqif ta'esekuzzjoni tas-sentenza jekk -*

*(a) flimkien mat-talba tagħha dik il-parti tagħti garanzija tajba għall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tiġix imħassra, magħduda dik il-garanzija kif imsemmija fl-artikolu 266(10); u*
*(b) jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif tal-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja.*

Ikkunsidrat;

L-imsemmi Artikolu 823 jaghmilha cara li l-provvediment li jinghata f'talba bhal dik imressqa llum mir-rikorrenti huwa sentenza u minnha, f'kaz ta' cahda, hemm dritt ta' appell. Huwa appuntu ghalhekk illi dan il-provvediment irid necessarjament jinghata waqt smigh.

Jinghad ukoll illi galadarba l-ligi tipprovdi li ghandha ssir talba *ad hoc* biex tinzamm l-ezekuzzjoni ta' sentenza li taghha tkun qed tintalab it-thassir u s-smigh mill-gdid tal-kawza relattiva, dan ifisser illi l-fatt li tkun saret kawza ta' ritrattazzjoni ma jgibx *ut sic* it-twaqqif tal-ezekuzzjoni ta' sentenza. Barra minn hekk, it-talba ghat-twaqqif tal-ezekuzzjoni ta' sentenza mhux bilfors trid tintlaqa' semplicement ghaliex tkun saret kawza ghar-ritrattazzjoni.

Ghalhekk, sabiex ir-rikorrent jirnexxi fit-talba tieghu ghat-twaqqif tal-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, jehtieg li juri li jikkonkorru zewg rekwiziti: (i) li tinghata il-garanzija kontemplata fil-paragrafu (a) tal-Artikolu 823(2) u (ii) li l-ezekuzzjoni tas-sentenza x'aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lir-rikorrent milli t-twaqqif taghha tikkaguna lill-parti l-ohra.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tat-talba ghat-twaqqif tal-ezekuzzjoni tas-sentenza, ir-rikorrent jghid li l-intimat John David Baraldi ottjena in segwitu ghas-sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, il-hrug ta' Mandat ta' Qbid ezekuttiv li jgib in-numru 2116/18, liema Mandat inhareg ghall-ezekuzzjoni "*fuq il-mobbli kollha li jinsabu fil-fond 20, Ta' Masu, Triq Bir l-Iljun, Rabat, Malta*", skont kif jirrizulta minn Dok. B anness mar-rikors promotur. Ir-rikorrent ikompli jfisser illi bl-ezekuzzjoni ulterjuri tal-Mandat ta' Qbid fuq imsemmi, permezz tal-bejgh bis-subbasta tal-oggetti kolpiti

bl-istess Mandat, sejjer jigi kkagunat pregudizzju ikbar lilu milli t-twaqqif tal-ezekuzzjoni tas-sentenza tista' tikkaguna lill-kontro-parti.

Jigi osservat illi John David Baraldi la joggezzjona u lanqas jghid li jaqbel mat-talba tar-rikorrent ghat-twaqqif tas-sentenza. Ma jikkontendix lanqas il-pretensjoni tar-rikorrenti illi l-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-21 ta' Jannar 2016 sejjer jikkaguna pregudizzju ikbar lill-istess rikorrent milli t-twaqqif tal-ezekuzzjoni tista' tikkaguna lilu, izda rrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti.

Il-Qorti fehmet illi l-intimat laqa' ghat-talba fir-rikors b'dan il-mod, proprju ghaliex huwa jaqbel illi l-garanzija moghtija mir-rikorrent ghall-ezekuzzjoni tal-imsemmija sentenza f'kaz li din ma tigix imhassra, hija tajba ghaz-zamma tal-ezekuzzjoni ghall-finijiet tal-Artikolu 823(2)(a) tal-Kapitolu 12. Infatti, John David Baraldi iddikjara quddiem il-Qorti fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2019 illi huwa jaqbel li s-somma depozitata permezz tac-cedola ta' depozitu bin-numru 404/2019, tirrapprezenta garanzija sufficjenti ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza ghall-finijiet tal-Artikolu 823(2)(b) tal-Kapitolu 12.

Ikkunsidrat;

Il-ligi ma tghidx specifikatament f'hiex ghandha tikkonsisti l-garanzija: tghid biss illi din trid tkun tajba ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza attakkata bit-talba ghat-thassir fil-kawza tar-ritrattazzjoni, f'kaz li din l-istess talba ghat-thassir ma tigix milqugha. Huwa risaput illi l-garanzija ma titwettaqx biss bid-depozitu tas-sorte u lanqas tal-ispejjez intaxxati wahedhom[1], izda fil-kaz tal-lum, il-Qorti ma ghandhiex a dispozizzjoni taghha l-atti tac-cedola ta' depozitu bin-numru 404/2019 li tissemma fir-rikors promotur u li saret referenza ghaliha waqt l-udjenza tas-6 ta' Marzu 2019 biex tiddetermina l-idoneita` tal-garanzija moghtija mir-rikorrent ghall-finijiet tal-Artikolu 823(2)(a) tal-Kapitolu 12. Ghandha

[1] Prim'Awla tal-Qorti Civili: **George Degiorgio et vs Ludwig Limited et**, deciz 19 ta' Settembru 2012.

quddiemha biss id-dikjarazzjoni tal-intimat illi huwa jaqbel li l-garanzija moghtija mir-rikorrent taghmel tajjeb ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-21 ta' Jannar 2016 jekk ma tigix imhassra fil-kawza ta' ritrattazzjoni, u ghall-Qorti ma jistax hlief ifisser li dan id-depozitu jghodd bhala garanzija tajba biex jitwettaq il-vot tal-ligi.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Rigward il-pregudizzju li jigi mgarrab mir-rikorrent bhala l-parti ezekutata, bil-bejgh fis-subbasta tal-mobbli li jidher li jinsabu gewwa l-fond residenzjali tar-rikorrent, il-Qorti tqis illi mad-daqqa t'ghajn, dan il-pregudizzju jkun akbar mill-hsara li jista' jgarrab il-kreditur jekk kellha titwaqqaf l-ezekuzzjoni tas-sentenza. Dan qed jinghad ukoll ghaliex l-intimat, oltre li jaqbel li diga` hemm garanzija tajba ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza da parti tal-ezekutant f'kaz li din is-sentenza ma tigix mhassra, ma ta ebda hjiel li huwa ser isofri xi hsara, ahseb u ara hsara akbar minn dak li ser isofri r-rikorrent.

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet appena maghmulin, u proprju ghaliex jirrizultaw dawk ic-cirkostanzi mahsuba mil-ligi biex it-talba tar-rikorrent tigi akkolta, il-Qorti tasal ghall-fehma li ghandha tilqa' t-talba tar-rikorrent Geoffrey Xerri biex izomm l-ezekuzzjoni tas-sentenza li qieghed jattakka fil-kawza ta' ritrattazzjoni mressqa minnu quddiem din l-istess Qorti kif preseduta.

Izda, il-Qorti thoss li ghandha taghmilha cara illi l-akkoljiment ta' din it-talba tar-rikorrent qed isir minghajr m'hi qieghda tesprimi xi fehma jew gudizzju fuq il-mertu tat-talba tar-ritrattazzjoni, kif ukoll bl-intiza illi dan il-provvediment tal-lum ma jservix bhala skuza mir-rikorrent biex itawwal l-azzjoni minnu intavolata ghar-ritrattazzjoni (Rikors Numru 12/2019RM).

Fuq l-iskorta ta' dak maqbul bejn il-paritjiet quddiem il-Qorti fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2019, dwar l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, il-Qorti tordna illi kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent Geoffrey Xerri u tordna li titwaqqaf l-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet **John David Baraldi vs Geoffrey Xerri** (Rikors Numru 256/2015/FDP) fil-21 ta' Jannar 2016 u dan sakemm tinghata s-sentenza fil-kawza ta' ritrattazzjoni bin-Numru 12/2019RM intavolata mill-istess rikorrent dwar l-imsemmija sentenza, jew sakemm l-istess kawza ma titwaqqafx jew tintemmx ghal xi raguni ohra kontemplata fil-ligi.

L-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**